**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru.: 1/2016MV**

**Spiridione sive Dione Zahra [KI 470986M]**

**vs**

**Mario Spiteri [KI 13576M]**

**Illum 28 ta’ Settembru 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors permezz ta’ liema l-attur Spiridione sive Dione Zahra talab li l-konvenut Mario Spiteri jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ hamest’elef mitejn u seba’ u hamsin Ewro u sitt centezmi (€5,257.06c), inkluza l-VAT, dovuti ghal xoghol ta’ finishing maghmul fuq struzzjonijiet tieghu fil-post f’H’Attard inkluz tpoggija ta’ madum, skirting u kamra tal-banju, gypsum boards, zebgha , torba u kisi, li ghadu ma hallasx.

> Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2144/2015 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2451/2015 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bid-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Jannar 2016;

Rat illi l-intimat ma prezenta l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi u d-dokumenti kollha mressqa;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat huwa kontumaci stante illi mhux biss ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrent izda ukoll naqas illi jidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontesta bl-ebda mod it-talbiet tar-rikorrent.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016, xehed ir-rikorrent Spiridione Zahra li kkonferma bil-gurament it-talbiet fir-rikors u kkonferma wkoll li minn meta gew istitwiti l-proceduri odjerni ma sar l-ebda hlas.

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrent it-talbiet tar-rikorrent jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2144/2015 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2451/2015 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur